**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Seduta tal-Hamis, 15 ta' Gunju 2017**

**Rikors numru 24/2017 (JVC)**

**Joelene Attard**

**-vs-**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' Joelene Attard fejn bil-gurament taghha kkonfermat:

1. L-isem taghha huwa JOELENE u dana kif jirrizulta bic-car mid-dokumenti hawn annessi u markati Dokument A sa Dokument E.

2. Illi jirrizulta pero' illi fic-certifikat tat-twelid taghha hawn anness, l-isem tal-attrici nkiteb bi zball ortografiku u cioe' inkiteb bhala JOELINE minflok l-isem JOELENE u dana kif jirrizulta mid-dokument hawn anness umarkat bhala Dok F.

3. Illi jirrizulta li dana huwa zball car li pero' qed iwassal ghall-problemi fil-hajja ta' kuljum, inkluz fil-hajja lavorattiva ghall-istess Joelene Attard specjalment fir-relazzjonijiet lavorattivi taghha ma' istituzzjonijiet bhal FIAU u MFSA.

Talbet li din il-Qorti:

Tordna l-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid bin-numru progressiv mitejn u tnejn u erbghin tas-sena elf disa' mija u disghin (242/1990) billi fil-kolonna Ismijiet Moghtijin isem l-attrici jitranga minn **Joeline** ghal **Joelene** u dana sabiex jigu evitati kumplikazzjonijiet legali li jistghu jinqalghu aktar 'il quddiem minhabba din l-iskorettezza.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa huwa ngunt.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur Registru Pubbliku, Ghawdex fejn ikkonferma:

1. Illi preliminarjament, a tenur ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, qabel is-smiegh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern.

2. Illi l-bidla jew korrezzjoni ta' isem taht l-artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta mhijiex xi mizura ordinarja li hija miftuha ghall-inizjattiva diskrezzjonali tal-individwu. Ghall-kuntrarju din ix-xorta ta' azzjoni hija mizura straordinarja ghall-skopijiet pubblici ntiza esklussivament biex telimina mill-imhuh tan-nies kull possibilta' ta' konfuzjoni u dizordni dwar l-identifikazzjoni ta' dak jew dik l-individwu. Kwindi l-awtorizazzjoni gudizzjali ta' bidla fl-isem m'ghandhiex tigi koncessa ghaliex ir-rikorrenti sempliciment tixtieq tbiddel isimha, izda tali awtorizazzjoni ghandha tinghata biss jekk jirrizulta li din mehtiega assolutament ghall-esigenza pubblika.

3. Illi subordinatament bla hsara ghall-premess in kwantu jikkoncerna mal-mertu tal-kawza, ir-rikorrenti ma pprezentat l-ebda dokument ufficjali Malti li jissustanza t-talba taghha;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti m'huwiex edott mill-fatti li gew dikjarati fir-Rikors Guramentat u fid-dokumenti hemm mehmuza.

5. Illi finalment u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir da parti ta' l-esponenti u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet fl-istess seduta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat li saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif tikkontempla l-ligi u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur konvenut hija sorvolata.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti wara li semghet ix-xhieda tar-rikorrenti tqis illi l-versjoni taghha illi hija rrealizzat bid-differenza f'isimha kif hija kienet tafu u kif gie ndikat fil-karta ta' l-identita' mahruga fis-7 ta' Novembru 2014 recentement minhabba diffikultajiet li rriskontrat fil-professjoni taghha hija wahda veritjera u ghalhekk tqis illi t-talbiet taghha huma gustifikati.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi u in linea ma' dak suespost, il-Qorti tilqa' t-talba tal-attrici kif isegwi:

Tordna l-korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid bin-numru progressiv mitejn u tnejn u erbghin tas-sena elf disa' mija u disghin (242/1990) billi fil-kolonna Ismijiet Moghtijin isem l-attrici jitranga minn Joeline ghal Joelene u kwalunkwe atti ohra ancillari.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-attrici.

(ft.) Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur